**7 ta' Mejju, 1965.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Carmelo Vassallo et

*versus*

Henry A. Pace ne

**Kumpanija Assikuratriċi — Responsabilità Ta' —**

*Jekk kumpanija assikuratriċi taċċetta ir-responsabilita ta' l-assigurat għall-aċċident, u taċċetta li tħallas, hu ċar li l-azzjoni tad-danneġġat setgħet u kellha tiġi diretta kontra l-kumpanija assikuratriċi, u kontra tagħha biss.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħta r-Reġina li bih l-atturi — wara li ppremettew *illi fis-sebgħa u għoxrin ta' April, 1961, waqt* li ċertu Commander La Niece, R.N., kien isuq il-motor car No. 27207, assikurata mill-konvenut nomine, mit-triq ta' Għajn Tuffieħa, minħabba mprudenza, negliġenza w inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat mal-motor car tal-atturi No. 29712, u kkaġuna ħsara fl-istess car u lesionijiet personali lill-istess atturi li minħabba fihom għadhom isofru minn debilitazzjonijiet; u li l-konvenut nomine ħallas lil ċertu Publio Pace, li kien riekeb fil-motor car tal-atturi u safa korrut, għad-danni li huwa sofra, u l-istess konvenut nomine aċċetta li jħallas id-danni li sofrew l-atturi, iżda ma ħallasx għaliex ma qablux fuq il-quantum total tad-danni; talbu li l-konvenut, fil-kwalita tiegħu premessa, ikun kundannat iħallashom dik is-somma li tiġi minn dina l-Qorti likwidata, anke jekk hemm bżonn permezz ta' periti li jiġu nominati, bħala kumpens għad-danni kollha minnhom sofferiti b'konsegwenza tal-inċident fuq imsemmi, kompriż id-dannum emergens u l-lucrum cessans; *bl-imgħax kummerċjali u bl-*ispejjes kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-sebgħa u għoxrin ta' Marzu, 1963.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha qal li l-atturi m'għandhom ebda rapport ġuridiku miegħu u ma' jistgħux jaġixxu kontra tiegħu għad-danni minnhom pretisi; l-azzjoni tagħhom, skond il-liġi, għandha tkun diretta kontra l-assikurat u mhux kontra l-kumpanija assikuratriċi; qal ukoll li f'kull każ l-assikurat bħala parti interessata, mhux fil-kawża u għalhekk il-ġudizzju mhux integru.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-ħamsa u għoxrin ta' Frar, 1965 li biha ċaħdet iż-żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-

konvenut nomine fuq imsemmija, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u ħalliet l-kawża għall-kontinwazzjoni għas-seduta tal-ħamsa ta' April, 1965, wara li kkunsidrat:

Illi hu evidenti li l-ewwel punt li jrid jiġi deċiż hu dak sollevat mill-konvenut nomine fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu billi dan jinfluwixxi fuq jekk il-proċeduri, kif inizzjati, jistgħux ikomplu; dawna l-eċċezzjonijiet huma tnejn fis-sens (a) li ebda rapport ġuridiku għad ma jeżisti bejnu u l-atturi la dawn għad m'għandhomx deċiżżjoni ta' responsabilità fil-konfront tal-assikurat u (b) f'kull każ hi neċessarja għall-integrità tal-ġudizzju l-presenza fil-kawża tal-istess assikurat.

Ikkunsidrat fuq l-ewwel eċċezzjoni.

Illi hu veru li skond il-liġi (Kap. 165) id-ditta assikuratriċi tkun obbligata tħallas meta jkun hemm deċiżżjoni ta' responsabilità kontra l-assikurat u dana billi, ukoll skond il-liġi, hija għal dina r-responsabilità li hi mposta l-assikurazzjoni u d-ditta assikuratriċi biex tkun obbligata tħallas, trid tkun ġiet avżata uffiċjalment bl-introduzzjoni tal-kawża fejn tintalab ir-responsabilità tal-assikurat. Minn dana jidher li sakemm tiġi segwita dina l-proċedura traċċjata mil-liġi, ebda rapport ma jinħoloq bejn il-persuna danneġġjata u l-kumpanija assikuratriċi qabel dik id-dikjarazzjoni ta' responsabbilità, u din għalhekk tista', jekk avviċinata qabel il-bidu tal-kawża riferita, tirrifjuta li tittratta mad-danneġġjat u, meta tkun avżata bil-kawża kif imsemmi, tistenna, bla ma tieħu ebda pass, id-deċiżżjoni tal-Qorti. Dan però ma jfisserx li għandu bilfors u dejjem isir hekk u fil-fatt, in vista tal-interess evidenti ta' l-assikuratur dana jipprova jevita spejjeż u mhux insolitu li jżomm id-dritt mhux biss li jikkontrolla l-aġir tal-assikurat meta dana ikun involut f'xi

inċident iżda anke li jassumi flok dan il-każ li jiġi a konoxxenza tiegħu, f'liema każ hu jidħol biex jittratta direttament mad-danneġġjat mingħajr ma jieħu ebda parti l-assikurat; f'dana l-każ allura, proprju mħabba l-atteġġjment stess tal-assikuratur, jinħoloq rapport ġuridiku dirett bejn dan id-danneġġjat għall-ħlas lil dan fil-limiti u skond il-polza tal-assikurazzjoni, kemm il-darba d-danneġġjat jaċċetta wkoll li jsir hekk.

Illi mix-xhieda ta' Joseph Bugeja, impjegat mal-aġent ta' allura tas-soċjeta assikuratriċi, jirriżulta li kien dan l-atteġġjament tas-soċjeta bħala linea ġenerali ta' kondotta u, għall prattiċita, aktarx li kienu joqgħodu, għal dik li hi responsabbilta tal-assikurat, għad-deċiżżjoni li ttieħdet mill-Qorti Kriminali dwar l-inċident li jkun ġara u allura kienu, fil-limiti traċċjat mill-Head Office u salva l-approvazzjoni tal-istess, jippruvaw jaslu fi transazzjoni mad-danneġġjat. Fil-każ in eżami, skond dina l-istess xhieda, kienet ittieħdet deċiżżjoni simili ta' ħtija fil-konfront ta' l-assikurat, li kellu assikurazzjoni "comprehensive" u ddisinteressa ruħu għal kollox, u kien għalhekk li l-kumpanija daħlet fi trattativi mad-danneġġjat biex teżamina l-claim tagħhom u din baqgħet responsabbli biex tillikwida l-istess claim; fil-fatt claim simili ġiet likwidata u mħallsa mal-miżżewġin Pace li kienu nvoluti u sofrew danni fl-istess nċident bażi tal-claim tal-atturi.

Illi minn dina x-xhieda biss hemm biżżejjed biex wieħed jikkonkludi li l-kumpanija assikuratriċi daħlet f rapport dirett mal-atturi dwar il-claim tagħhom, u kwindi dawn kienu intitolati li jagħmlu l-kawża kontra tagħha kif rappresentata; oltre dina x-xhieda pero hemm ukoll dik ta' l-attur

u tad-difensur tiegħu li jkomplu jipprovaw il-kreazzjoni ta' dana r-rapport. L-unika differenza bejn dik ix-xhieda u dawn l-aħħar żewġ xhieda ma tirrigwardax dana l-pont (ta' l-eżistenza ta' dana r-rapport dirett) iżda se mai l-kwistjoni l-oħra tal-aċċettazzjoni tar-responsabilita tal-inċident appar-ti mill-ammont tad-danni dovuti lill-atturi mħabba l-inċident, billi x-xhud Bugeja jista' jiftiehem li ried jgħidilhom li jekk ma jaqblux fl-ammont tad-danni u l-każ jittieħed il-Qorti allura l-kumpanija kienet tirriżerva li tqajjem ukoll il-kwis-tjoni tar-responsabbilita tal-assikurat għall-inċident; hu evi-denti pero li dan ma jirrigwardax il-persuni li kellhom jik-kostitwixxu l-kontradittorju ta' kawża simili, li tiġi l-istess dibattuta bejn l-atturi u l-kumpanija, kif jista' jsir anke min-għajr il-presenza fil-kawża tal-assikurat stess. Din pero hija kwistjoni differenti minn dik a bażi tal-eċċezzjoni in eżami kif formulata, li jixraq li tiġi diskussa ulterjorment qabel ma tiġi deċiża, billi konnessa mal-meritu u mhux mal-ġudiz-zju.

Ikkunsidrat fuq it-tieni eċċezzjoni.

Illi din tirrigwarda l-integrita tal-ġudizzju mħabba li l-assikurat mhux parti fil-kawża; iżda, kif għadu kif intqal, il-presenza ta' dan mhiex neċessarja fil-kawża presenti ba-żata kif inhi fuq ir-rapport dirett li nħoloq bejn l-assikura-tur u d-danneġġjat għalkemm b'riferenza għall-kuntratt ta' assikurazzjoni fejn l-assikurat kien parti. L-assikuratur jis-ta' jħoss l-utilita ta' dina l-presenza, biex id-deċiżżjoni li tit-tieħed f'dina l-kawża tkun torbot lilu wkoll, kemm il darba jidhirlu li għad jista' jkun hemm xi kwistjoni bejniethom stess dwar ir-riżultat ta' dina l-kawża jew xi parti minnu. u hekk tiġi evitata l-possibilita ta' riżultati differenti f'kawża oħra jew anke tiġi evitata dina l-kawża l-oħra stess; dan pero jista jwassal għal provvediment ieħor u mhux biex jiġi

dikjarat mhux integru l-ġudizzju preżenti.

Rat in-nota li biha l-konvenut appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li, kwantu għad-deċiżżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' l-integrita tal-ġudizzju, dik is-sentenza tiġi dikjarata nulla u bla ebda effet jew, subordinatament, tiġi revokata u hu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u, kwantu għad-deċiżżjoni fuq l-intempestivita is-sentenza appellata tiġi revokata u hu jiġi liberat mid-domandi — bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur.

Rat ir-risposta ta' l-atturi li qalu illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Fl-ewwel lok l-appellant qed jitlob li s-sentenza appellata tiġi annullata f'dik il-parti tagħha li biha ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tiegħu. Din l-eċċezzjoni kienet fis-sens illi l-ġudizzju mhux integru għaliex mhux parti fih l-assigurat li hu parti nteressata. Ir-raġuni li għaliha l-appellant qed jitlob in-nullita hi illi dik l-eċċezzjoni ma kienetx ġiet trattata quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u, skond il-verbali, s-sentenza kellha tirrigwarda biss l-ewwel eċċezzjoni ta' l-istess appellant fis-sens illi l-appellati ma għandhomx rapport ġuridiku miegħu u ma setgħux jaġixxu għad-danni kontra tiegħu imma setgħu jaġixxu biss kontra l-assigurat.

Għad illi hu veru illi f'ċerti verbali tissemma "eċċezzjoni" preliminari (fis-singular) hemm verbali oħra fejn jissemmew "eċċezzjonijiet". Pero dak li hu aktar importanti hu illi s-sottomissjonijiet tal-partijiet fuq il-kwistjonijiet preliminari ġew magħmula minnhom lill-Qorti fin-noti ta' l-osser-

vazzjonijiet taghhom, u l-Qorti hi ta' fehma illi f'dawn in-noti ġew diskussi ż-żewġ eċċezzjonijiet tal-appellant. In-nota ta' l-appellati, difatti, tibda b'dan il-kliem:

> "Illi l-esponenti jissottemetti li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut m'humiex sostenibbli u għalhekk jissottometti. . . ."

u, wara li fiha juru s-sottomissjonijiet ta' l-appellati fuq dawk l-eċċezzjonijiet, in-nota tispiċċa billi, b'riferenza diretta għat-tieni eċċezzjoni ta' l-appellant, cioe in-non-integrita tal-ġudizzju minħabba l-assenza ta' l-assigurat, tgħid:

> "Iċ-ċirkostanzi . . . juru bla dubju li r-relazzjoni ġuridika ta' l-esponenti di fronti għall-konvenut hija kontrattwali u l-attur kien fid-dritt li jħarrek biss lill-konvenut nomine."

Anki in-nota ta' l-appellant, għalkemm ikkonċentrat iżjed fuq l-ewwel eċċezzjoni, li f'dik in-nota hi msejħa ta' l-"intempestivita", b'dana kollu titratta wkoll fuq il-bżonn tal-presenza fil-kawża ta' l-assigurat, oġġett tat-tieni eċċezzjoni. U difatti n-nota tikkonkjudi fuq dak it-tema fiż-żewġ paragrafi ta' qabel l-aħħar.

Għalhekk meta fil-verbal fol. 53 intqal illi "d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx x'iżidu iżjed dwar il-punt li għamlu fin-nota ta' l-osservazzjonijiet dwar l-obbligu tal-konvenuti li jħallsu" u l-kawża ġiet differita għad-deċiżżjoni "fuq dan il-punt", għandu jitqies illi d-deċiżżjoni kellha tingħata fuq iż-żewġ eċċezzjonijiet li t-tnejn kienu ġew, kif intqal, diskussi fin-noti ta' l-osservazzjoni. Hu ċar illi l-kwistjoni ta' "l-obbligu tal-konvenuti li jħallsu" kien

jinvesti l-eżami taż-żewġ eċċezzjonijiet: in sostanza l-kwistjoni kienet jekk il-kawża setgħatx timxi l-quddiem kif kienet saret kontra l-konvenuti biex jista' jiġi deċiż jekk il-konvenuti għandhomx huma l-obbligu li jħallsu.

Għalhekk l-ewwel gravam ta' l-appellant ma' jistax jiġi milqugħ.

It-tieni gravam jirrigwarda l-meritu tad-deċiżżjoni l-oħra kontenuta fis-sentenza appellata, cioe dik li biha ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni ta' l-appellant. Dik l-eċċezzjoni kienet fis-sens, kif ġa ntqal, illi l-appellati ma għandhomx rapport ġuridiku miegħu u ma setgħux jaġixxu għad-danni kontra tiegħu, imma setgħu jaġixxu biss kontra l-assigurat. Kif spjegat fil-petizzjoni ta' l-appell, it-teżi ta' l-appellant hi illi, skond l-art. 10 ta' l-Kapitolu 165, l-obbligu ta' l-assiguratur li jħallas lill-persuna danneġġjata jitwieled biss wara li jkun hemm sentenza kontra l-assigurat u hekk tkun ġiet stabbilita r-responsabilita ta' l-assigurat. Fil-każ preżenti, jgħid l-appellant, għalkemm hu daħal fi trattativi ma l-appellati biex jipprova jittranżiġi l-pretensjoni tagħhom, qatt u bl-ebda mod ma ammetta r-responsabbilta ta' l-assigurat. Għalhekk l-appellati messhom almenu fiċ-ċitazzjoni ppremettew domanda għad-dikjarazzjoni ta' r-responsabbilta ta' l-assigurat mentri li l-unika ħaġa li talbu hi l-kundanna għall-ħlas tad-danni. Għalhekk — jikkonkludi l-appellant — l-azzjoni kif proposta hi ntempestiva; jiġifieri li jrid qabel xejn ikun hemm dikjarazzjoni tar-responsabbilita ta' l-assigurat.

L-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni tal-appellant għaliex irriteniet illi mill-provi kien jirriżulta ampjament illi l-appellant, permezz ta' l-impjegat tiegħu, kien daħal fi trattativi mad-danneġġjati biex jeżamina l-'claim'

tagħhom u baqa responsabbli biex tillikwida l-istess 'claim': fil-fatt il-'claim' ta' wieħed mid-danneġġjati ġiet likwidata u mħallsa mill-appellant. Kwindi l-appellant daħal f'rapport dirett ma l-appellati dwar il-"claim tagħhom" u għalhekk huma setgħu jagħmlu l-kawża kontra l-appellant.

Dan hu dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti fuq din il-kwistjoni. Hi ma ddeċidietx illi l-appellant "aċċetta r-responsabbilita ta' l-aċċident (da parti ta' l-assigurat)" — kwistjoni li dik il-Qorti kkunsidrat differenti minn dik a bażi ta' l-eċċezzjoni ta' l-appellant u li l-Qorti rriżervat li tiddiskuti ulterjorament qabel tiġi deċiża billi hi konnessa mal-meritu u mhux mal-ġudizzju: dik il-kwistjoni wkoll, pero, qalet l-ewwel Qorti, tista' tiġi dibattuta f'din il-kawża bejn il-partijiet mingħajr il-bżonn tal-presenza fil-kawża ta' l-assigurat stess.

Din il-Qorti taħseb illi, proprjament, fl-ordni loġiku, il-kwistjoni li messa tiġi deċiża mill-ewwel Onorabbli Qorti bħala l-aktar rilevanti għall-eċċezzjoni ta' l-appellant kienet appuntu dik jekk l-appellant, skond il-provi aċċettax r-responsabbilita ta' l-inċident bħala kaġunat mill-assigurat u kwindi l-obbligu tal-ħlas. Iċ-ċitazzjoni ta' l-appellati hi essenzjalment bażata fuq dak il-presuppost. Hu għalhekk illi fiċ-ċitazzjoni ntqal illi l-appellant ġa ħallas lil ċertu Publio Pace, li kien riekeb fil-motor car ta' l-appellati u safa korrut (dak li jimplika li l-appellant aċċetta r-responsabbilita ta' l-aċċident) u li l-istess appellant aċċetta li jħallas id-danni li sofrew l-istess appellati iżda ma ħallasx sempliċement għaliex ma qablux fuq il-quantum.

Jekk dawn l-allegazzjonijiet huma fondati — u din il-Qorti m'hux ser tesprimi opinjoni ġa la darba l-ewwel Qorti għad ma ddeċidietx fuqhom — kwalunkwe ombra ta' bażi

għall-eċċezzjoni ta' l-appellant tisparixxi minnufih. Jekk l-appellant tassew aċċetta r-responsabbilta ta' l-assigurat għall-aċċident u aċċetta li jħallas, hu ċar illi l-azzjoni ta' l-appellati setgħat u kellha tiġi diretta kontra tiegħu u kontra tiegħu biss.

Se non altro għaliex din il-kwistjoni għad trid tiġi deċiża — u hi tista' tiġi diskussa u deċiża biss fil-konfront ta' l-appellant — hu evidenti illi m'hemm ebda lok għall-eċċezzjoni ta' l-appellant. F'dawn iċ-ċirkostanzi jista almenu żgur jingħad illi 'ntempestiva' mhix l-azzjoni ta' l-appellati iżda se mai l-eċċezzjoni ta' l-appellant. Il-kwistjoni jekk l-allegazzjoni ta' l-appellati hiex fondata jew le hi kwistjoni ta' meritu, kif qalet l-ewwel Qorti, u mhux kwistjoni ta' proċedura.

Għalhekk u bla ma tidħol fi kwistjonijiet oħra din il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant.